

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Lulju 2010

dwar ir-reqwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għal ċerti prodotti fl-ambjent tal-irqad għat-tfal skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2010/376/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ⁽¹⁾ u partikolarment l-Artikolu 4(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/95/KE tipprovdi l-istandards Ewropej li għandhom jiġu stabbiliti mill-korpi Ewropej ta' standardizzazzjoni. Dawn l-istandards għandhom jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-reqwiżiti ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva.

(2) Skont id-Direttiva 2001/95/KE, prodott jitqies mingħajr periklu, sa fejn għandhom x'jaqsmu r-riskji u l-kategoriji ta' riskji koperti mill-istandards nazzjonali, meta jkun konformi mal-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej.

(3) Fl-2006 il-Kummissjoni Ewropea ikkummissjonat studju ⁽²⁾ biex teżamina is-sikurezza ta' diversi oġġetti tal-ħarsien tat-tfal ta' spiss użati biex iħarsu it-trabi u tfal żgħar minn età ta' 0 sa 5 snin. L-istudju sar f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, l-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni, l-għaqdiet tal-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet tas-sikurezza tal-prodotti, operaturi ekonomiċi u laboratorji li jittestjaw.

(4) Għal dawn il-prodotti, l-istudju ġabar statistika rilevanti fuq aċċidenti u korrimenti fl-Unjoni u mid-dinja kollha u wettaq stima kompluta tar-riskju, abbażi ta' identifikazzjoni tal-perikli ewlenin u valutazzjoni tax-xenarji ta' espożizzjoni.

(5) Ħames tipi ta' prodotti eżaminati mill-istudju, li jnsabu regolament fl-ambjent tal-irqad tat-trabi tat-twelid u tfal żgħar, kienu identifikati għal segwitu wara l-istudju. Dawn huma saqqijiet tal-kott, cot bumpers, sodod mndendlin tat-trabi, duvets tat-tfal u sleep bags.

(6) Kuljum, it-trabi tat-twelid jorqdu ta' mill-inqas medja ta' 16-il siegħa, u fl-età ta' 3-5 snin it-tfal jistgħu jorqdu għal 11-13-il siegħa kuljum. Inklużi l-perjodi mqajmin, it-trabi u tfal żgħar iqattgħu ta' mill-inqas nofs il-jum jew aktar f'ambjent ta' irqad fl-ewwel ħames snin ta' ħajjithom. Il-prodotti fl-ambjent tal-irqad għandhom ikunu sikuri għalix dan hu fejn it-trabi u tfal żgħar huma regolament afdati waħedhom għal perjodi itwal matul il-ġurnata u l-lejl.

(7) Skont id-Dejtabeż Ewropea tal-Korrimenti (IDB), bejn l-2005 u l-2007, 17 000 inċident li jinvolve tfal ta' bejn ix-0 u l-4 snin ġraw fil-kottijiet fl-Unjoni Ewropea ⁽³⁾. Skont il-Kummissjoni tal-Istati Uniti tas-Sikurezza tal-Prodotti tal-Konsumatur (CPSC), kull sena aktar trabi jmutu finċidenti li jinvolve l-kott u l-prodotti relatati mal-kott milli ma' kwalunkwe prodott relatat mal-kura tat-tfal ⁽⁴⁾.

(8) Xi mudelli tal-cot bumpers u s-sleep bags għat-tfal kienu notifikati permezz tas-sistema rapida Ewropea ta' allarm RAPEX bħala li jippreżentaw riskji ta' qtugħ ta' nifs u fgar u għaldaqstant kienu irtirati mis-suq u ngābru. Fl-1992, il-Kummissjoni Franċiża tas-Sikurezza tal-Konsumatur irrakkomandat azzjoni biex tinforma lill-konsumaturi u tittejjeb is-sikurezza tad-duvets tat-tfal, minħabba r-riskji tal-qbid tan-nar, sħana esaġerata u qtugħ ta' nifs ⁽⁵⁾. Fl-2002, 2007 u 2008 is-CPSC tal-Istati Uniti ordnat il-ġbir ta' xi mudelli ta' saqqijiet għall-kottijiet minħabba l-perikli ta' qbid u għajdut infondat ⁽⁶⁾.

(9) Cot bumpers, saqqijiet u duvets tat-tfal, jekk m'humix sikuri jew imqassmin mingħajr twissijiet essenzjali ta' sikurezza, jistgħu jżidu l-inċidenza tas-sindromu tal-mewt għal għarrieda tat-trabi (SIDS) minħabba r-riskju ta' sħana esaġerata u l-asfissija ⁽⁷⁾.

⁽³⁾ IDB All Injury Data, 2005-2007.

⁽⁴⁾ "Nursery product-related injuries and deaths among children under the age of five", fts-CPSC, Frar 2009.

⁽⁵⁾ <http://www.securiteconso.org/article195.html>

⁽⁶⁾ <http://www.cpsc.gov/cgi-bin/prod.aspx>

⁽⁷⁾ "Environment of infants during sleep and risk of sudden infant death", British Medical Journal, 1996,

"Changing concepts of SIDS: implications for infant sleeping environment and sleep position", American Academy of Paediatrics, Marzu 2000

"Sleep Environment and the risk of sudden Infant death in an urban population", American Academy of Paediatrics, Mejju 2003

<http://www.hc-sc.gc.ca/cps-spc/legislation/pol/bumper-bordire-eng.php>

⁽¹⁾ ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/consumers/safety/projects/ongoing-projects_en.htm#project_results

- (10) Fl-istess ħin, r-riċerka sabet li s-sleep bags għat-tfal jista' jkollhom effett protettiv kontra s-SIDS⁽¹⁾ hekk kif inaqqsu l-inċidenza ta' tidwir għal pożizzjoni vulnerabbli u tevita l-għata milli tmur fuq il-wieċ u r-ras waqt l-irquad. Jekk l-użu tagħhom se jithegġegħ għal dawn ir-raġunijiet, hemm bżonn li tkun żgurata s-sikurezza tagħhom kontra riskji oħrajn, bħalma huma fgar b'biċċiet żgħar u qbid.
- (11) Ma jeżisti l-ebda standard Ewropew għal dawn il-ħames tipi ta' prodotti. Għalhekk huwa neċessarju li jkunu ddeterminati l-ħtiġijiet skont l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2001/95/KE, bil-ħsieb li ssir talba lill-organi tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards biex inaqqsu r-riskji assoċjati mal-użu ta' dawk il-prodotti.
- (12) Dawn l-istandards għandhom jiġu żviluppati skont il-proċedura stipulata fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni⁽²⁾. Ir-referenza tal-istandard adottat għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/95/KE.
- (13) Meta l-istandards rilevanti jkunu disponibbli, u bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni Ewropea tiddeċiedi li tippubblika r-referenza tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, saqqijiet tal-kott, sodod imdendlin tat-trabi, duvets tat-tfal u sleep bags għat-tfal manifatturati b'konformità ma' standards bħal dawn għandhom jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE, sal-punt fejn huma kkonċernati r-rekwiżiti ta' sikurezza koperti mill-istandards.
- (14) Din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat stabililit skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/95/KE.
- “*saqqu tal-kott*” tfisser prodott li jagħti għajjnuna lit-trabi tat-twelid u lit-tfal biex jorqdu f'kott. Normalment dan hu tal-qis 60 × 120 cm jew 70 × 140 cm u jvarja fil-ħxuna bejn 6 u 15-il cm. Jista' jkun ukoll wieħed li jintewa,
- “*cot bumper*” tfisser aċċessorju magħluq finċirata għall-kott meħmuż mal-parti t'isfel tiegħu, ġeneralment użat biex itejjeb il-kumdità tat-tifel/tifla. Jista' jgħatti ta' mill-inqas naħa waħda tal-kott,
- “*sodda mdendla tat-trabi*” tfisser kott jew benniena, ta' sikwit b'wieċ mhux iebes jew kwalukwe wieċ ċatt imdendel b'ċintorini, ċineg u faxex minn punt jew aktar ta' saħħa. Jintuża biex fih titqiegħed tarbija żgħira li ma tistax toqgħod għar-kobbtejha jew tpoġġi mingħajr għajjnuna,
- “*duvet għat-tfal*” tfisser borża tad-drapp li fiha mili artab għall-użu tal-kott biex iżżid il-kumdità waqt l-irquad u tevita l-ipotermija,
- “*sleep bags għat-tfal*” tfisser borża b'materjal li jsaħħan jew kkuxxinata li fiha titqiegħed it-tarbija u mfasla li tevita l-ipotermija u soffokazzjoni waqt l-irquad jew it-tqegħid f'kott.

Artikolu 2

Ir-rekwiżiti

Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/95/KE għandhom jiġu stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni:

⁽¹⁾ “Risk and preventive factors for cot death in The Netherlands, a low-incidence country”, *European Journal of Paediatrics*, Lulju 1998.

⁽²⁾ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

ANNEX

IR-REKWIŻITI SPECĠALI TA' SIKUREZZA GĦAS-SAQQIJET TAL-KOTT

IR-RISKJI: Ir-riskji ewlenin assoċjati mal-prodott huma qbid f'nassa u ħruq.

Ir-rekwiżiti ta' sikurezza:**1. Ir-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali**

Il-prodotti ma għandhomx jipperikolaw is-sikurezza jew is-saħħa tat-tfal jew ta' min jieħu ħsiebhom meta jintużaw kif suppost jew b'mod prevedibbli, meta titqies dejjem l-imġiba normali tat-tfal. Għandha titqies il-kapaċità tal-utenti u ta' min jieħu ħsiebhom, b'mod partikolari, għal oġġetti li, minħabba l-funzjonijiet, id-dimensjonijiet u l-karatteristiċi tagħhom, ikunu maħsuba biex jintużaw minn tfal li taħt il-ħames snin. It-tikketti fuq l-oġġetti jew l-imballaġġi tagħhom u l-istruzzjonijiet dwar l-użu li jkun hemm magħhom għandhom jiġbdu l-attenzjoni ta' min jieħu ħsieb it-tfal rigward il-perikli u r-riskji involuti fl-użu tal-oġġetti u l-modi kif għandhom jiġu evitati.

2. Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza*Ir-rekwiżiti kimiċi*

Is-saqqijiet tal-kott għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-proprietajiet tan-nar u dawk termali

Is-saqqijiet tal-kott ma għandhomx ikunu oġġett perikoluż li jista' jieħu n-nar fl-ambjent tat-tfal. Għalhekk għandhom ikunu magħmulin minn materjali li jissodisfaw waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ma jinħarqux jekk jiltaqgħu b'mod dirett ma' fjamma jew xintilla;
- jekk jieħdu n-nar, jaqbd u bil-mod u jkollhom rata baxxa fit-tifrix tal-fjamma.

Barra minn hekk, il-materjali kombustibbli m'għandhomx jifgħu dħaħen tossiċi waqt il-kombustjoni.

L-użu tas-sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi għandu jkun minimu. Jekk jintużaw sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi, it-tossiċità tagħhom waqt l-użu u r-rimi tagħhom f'tmiemhom m'għandux jipperikola s-saħħa tal-utenti, dawk li jħarsu t-tfal jew l-ambjent.

Il-proprietajiet fiżiċi u mekkaniċi

Il-perikli ta' qbid minn spazji u fetħiet

Biex ikun evitat il-qbid tat-torso, ir-ras jew l-għonq fil-qiegħ tas-sodda, is-saqqijiet tal-kott għandhom jgħattu kompletament il-bażi tas-sodda u jirreżistu s-saħħa kawżata mit-tifel meta jqum bil-wieqfa fuq is-saqqu jew jimxi fil-kott.

M'għandhiex tkun possibbli għat-tifel li jgħolli l-partijiet tas-saqqu li jintewa, li jista' jagħtih aċċess għall-qiegħ tas-sodda u b'hekk jikber ir-riskju li jinqabad f'nassa.

Safejn hu possibbli l-oġġetti għandhom jifasslu u jiġu manifatturati sabiex jevitaw il-qbid tar-riġlejn, is-saqajn u l-idejn fi spazji bejn is-saqqu u n-naħat tal-kott.

Biex tkun evitata l-asfissija tat-tifel li rasu jew it-torso tiegħu jinqabdu bejn is-saqqu u n-naħat tal-kott, l-ispażju ta' bejn is-saqqu u n-naħat tal-kott għandhom ikunu limitati biex jieħdu kont tal-pożizzjoni l-aktar probabbli tas-saqqu fuq il-qiegħ tal-kott.

Tħabbil perikoluż

It-tul taċ-ċintorini, taż-żigarelli u l-partijiet użati bħala qafliet u d-daqs tal-ingassi għandhom ikunu limitati biex jevitaw ir-riskju tat-tħabbil.

Perikli esterni ta' soffokazzjoni

Is-saqqijiet tal-kott m'għandhomx ikunu magħmula minn dekalmanija tal-plastik li tista' tinqala' mit-tifel jew kwalunkwe saffi oħra tas-saqqu li jittaqqbu li jistgħu jgħattu kemm il-ħalq kif ukoll l-imbieher.

L-imballaġġ li jżomm fih l-oġġetti ma jridx jikkostitwixxi riskju ta' soffokazzjoni billi jimblokka l-passaġġi tan-nifs tal-imbieher u l-ħalq.

Biex ikun evitat ir-riskju ta' soffokazzjoni, il-prodott m'għandux ikun magħmul minn mili artab tas-saqqu li jista' jieħu l-forma ta' wiċċ it-tifel jew jista' joħloq forma li timblokka l-passaġġi tan-nifs tal-imbieher u l-ħalq.

Fgar u perikli ta' soffokazzjoni interna

Is-saqqijiet tal-kott m'għandhomx ikollhom biċċiet separati jew zġhar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel, jidħlu kompletament f'ħalq it-tifel jew jinbelgħu.

Is-saqqujiet tal-kott m'għandhomx ikollhom biċċiet żgħar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel u li jistgħu jibqgħu mwaħħlin fil-farinġi jew fuq wara tal-kavità orali. Il-materjal tal-mili m'għandux ikun aċċessibbli, speċjalment b'tiċrit kkawżat bi gdim u għandu jiflaħ it-tensjoni kkawżata minn użu prevedibbli billi titqies il-possibbiltà tal-fibri li jgħaddu mill-ħjatat u s-saħħa tal-ħjatat.

It-truf perikolużi

Is-saqqujiet tal-kott m'għandhomx ikollhom truf jew ponot li jaqtgħu. Il-wajer tal-molol m'għandux ikollu ponot perikolużi u m'għandux jippona ruħu barra mill-wiċċ tas-saqqu.

L-integrità strutturali

Il-materjal tas-saqqu għandu jkollu karatteristiċi fiżiċi tali li s-saqqu ma jkunx ta' periklu ta' qbid. M'għandux ikun hemm deformazzjoni permanenti tal-mili li tirriżulta f'cover merħi.

It-twissijiet speċifiċi għall-oġġett

It-twissijiet u l-istruzzjonijiet tal-użu għandhom jindikaw lil dawk li jieħdu ħsieb it-tfal il-ħxuna tas-saqqu biex ikunu evitati waqgħat mill-kott u d-daqs xieraq (tul u wisa') biex tidħol eżatt fil-kott u jiġi evitat l-qbid.

Biex tkun evitata s-soffokazzjoni, l-istruzzjonijiet għandhom jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal għall-perikli li jiġu meta żewġ saqqijiet jew aktar jitqegħdu fuq xulxin għall-kumdità tat-tifel.

Għandhom ikunu inklużi twissijiet kontra xenarji possibbli li jistgħu jikkawżaw ħruq (eż. tipjip qrib il-kott).

L-iġjene

Is-saqqujiet tal-kott għandhom jifasslu b'tali mod li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-iġjene u l-indafa biex ikun evitat ir-riskju ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni.

IR-REKWIŻITI SPEĊJALI TA' SIKUREZZA GĦALL-COT BUMPERS

IR-RISKJI: Ir-riskji ewlenin assoċjati mal-prodott huma tgħalliq, soffokazzjoni interna u esterna u fgar.

Ir-rekwiżiti ta' sikurezza:

1. Ir-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali

L-oġġetti ma għandhomx jipperikolaw is-sikurezza jew is-saħħa tat-tfal meta jintużaw kif suppost jew b'mod prevedibbli, meta titqies dejjem l-imġiba normali tat-tfal.

Għandha titqies il-kapaċità tal-utenti u ta' min jieħu ħsieb it-tfal, b'mod partikolari, għal oġġetti li, minħabba l-funzjonijiet, d-dimensjonijiet u l-karatteristiċi tagħhom, ikunu maħsuba biex jintużaw minn tfal li għandhom aktar minn 18-il xahar.

It-tikketti fuq il-ġugarelli jew l-imballaġġi tagħhom u l-istruzzjonijiet tal-użu li jkun hemm magħhom għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-utenti jew ta' min jieħdu ħsieb it-tfal tal-perikli inerenti u r-riskji ta' ħsara involuti fl-użu tal-oġġetti u l-modi kif jevitawhom.

2. Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza

Ir-rekwiżiti kimiċi

Il-cot bumpers għandhom jikkonformaw mal-leġislazzjoni tal-UE.

Il-proprjetajiet tan-nar u dawk termali

Il-cot bumpers ma għandhomx ikunu oġġett perikoluż li jista' jieħu n-nar fl-ambjent tat-tfal. Għalhekk għandhom ikunu magħmulin minn materjali li jissodisfaw waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

— ma jinħarqux jekk jiltaqgħu b'mod dirett ma' fjamma jew xintilla;

— jekk jieħdu n-nar, jaqbd u bil-mod u jkollhom rata baxxa fit-tifrix tal-fjamma.

Barra minn hekk, il-materjali kombustibbli m'għandhomx jifgħu dħaħen tossiċi waqt il-kombustjoni.

L-użu tas-sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi għandu jkun minimu. Jekk jintużaw sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi, it-tossiċità tagħhom waqt l-użu u r-rimi tagħhom f'tmiemhom m'għandux jipperikola s-saħħa tal-utenti, dawk li jħarsu t-tfal jew l-ambjent.

*Il-proprietajiet fiżiċi u mekkaniċi***Il-perikli mikrobijoloġiċi**

Il-cot bumpers m'għandhomx jippreżentaw perikli mikrobijoloġiċi minħabba nuqqas ta' iġjene tal-materjal tal-mili ta' oriġini mill-animali.

Il-perikli ta' qbid minn spazji u fetħiet

Cot bumpers m'għandhomx jippreżentaw riskju ta' qbid tar-ras u l-għonq tat-tifel fl-ingassi jew iċ-ċintroini jew t-tagħmir ta' twaħħil ieħor. Il-ħjata u l-biċċiet dekorativi fuq il-bumper m'għandhomx jinħallu meta sottomessi għal stress mekkaniku mill-użu prevedibbli tat-tfal sabiex ma jippreżentax riskju ieħor ta' qbid tar-riġlejn, ir-ras u s-swaba jew il-mili jkun aċċessibbli (ara l-perikli ta' fgar).

Tħabbil perikoluż

M'għandux ikun hemm ebda ċintorini jew ingases tal-cot bumpers li jistgħu jgħallqu għonq it-tifel. Ħoloq fejn jistgħu jinqabdu s-swaba tal-id u tas-saqajn għandhom ikunu evitati.

Fgar u perikli ta' soffokazzjoni interna

Il-cot bumpers m'għandhomx ikollhom biċċiet separati jew zġhar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel, jidħlu kompletament f'ħalq it-tifel u jinbelgħu.

Il-cot bumpers m'għandhomx ikollhom biċċiet zġhar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel u li jistgħu jibqgħu mwaħħlin fil-farinġi jew fuq wara tal-kavità orali. Il-materjal tal-mili m'għandux ikun aċċessibbli, speċjalment b'tiċrit kkawżat bi gdim u għandu jiflaħ it-tensjoni ikkawżata minn użu prevedibbli billi titqies il-possibbiltà tal-fibri li jgħaddu mill-ħjatat u s-saħħa tal-ħjatat. Il-materjal tal-mili m'għandux ikollu kwalunkwe kontaminanti iebsin jew jaqtgħu, bħalma huma partikoli tal-metall, imsiemer, labar jew xfar.

Perikli esterni ta' soffokazzjoni

Il-prodott m'għandux ikun magħmul minn dekalkomanija tal-plastik li tista' tinqala' mit-tifel jew kwalunkwe għata ieħor impermeabbli tal-cot bumper li jista' jgħatti kemm il-ħalq kif ukoll l-innieher.

L-imbagg li jżomm fih l-oġġetti ma jridx jikkostitwixxi riskju ta' soffokazzjoni billi jimblokka l-passaġġi tan-nifs tal-innieher u l-ħalq.

Biex ikun evitat ir-riskju ta' soffokazzjoni, il-prodott m'għandux ikun magħmul minn materjal artab li jista' jieħu l-forma ta' wiċċ it-tifel jew jista' joħloq forma li timblokka l-passaġġi tan-nifs tal-innieher u l-ħalq.

It-truf perikolużi

Il-cot bumpers m'għandhomx ikollhom truf jew ponot li jaqtgħu. M'għandux ikollhom ponot perikolużi jew uċuh li jisporġu 'il barra li jippreżentaw periklu ta' titqib.

Il-funzjoni protettiva

Il-cot bumpers għandhom jifasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li tkun evitatata l-preżenza ta' biċċiet li jkunu jistgħu jintużaw bħala skaluni li jippermettu lit-tfal jitilgħu fuq il-prodott.

Il-perikli minħabba l-kombinazzjoni ta' żewġ oġġetti differenti

Cot bumpers m'għandhomx jippreżentaw periklu ulterjuri ta' qbid jew asfissija jekk it-tifel jirnexxilu jqieghad rasu bejn il-cot bumper u n-naħa tal-kott.

It-twissijiet speċifiċi għall-oġġett

Għandha tingħata informazzjoni adegwata biex il-cot bumper jitwaħħal sew mal-ġenb tal-kott. It-twissija għandha tindika li l-cot bumper għandu jitwaħħal sew sabiex it-tagħmir li jwaħħlu m'għandux ikun magħmul minn ċintorini u ingases li jistgħu jaqbd u r-ras u l-għonq tat-tifel. It-twissijiet għandhom jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jħarsu t-tfal tar-riskji ppreżentati mill-cot bumpers li mhumiex kompatibbli (minħabba id-daqs jew il-mudell) mal-kott u minn cot bumpers li mhumiex imwaħħlin sew mal-kott.

L-iġjene

Il-cot bumpers għandhom jifasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li jistgħu jtnaddfu faċilment u sew biex ikun evitat ir-riskju ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni. Il-prodott għandu jissodisfa din il-kondizzjoni wkoll wara l-ħasil skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur u ma jittebbax meta jiġi f'kuntatt mat-tifel.

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TA' SIKUREZZA GĦAS-SODOD MDENDLIN TAT-TRABI

IR-RISKJI: Ir-riskji ewlenin assoċjati mal-prodott huma qbid, soffokazzjoni jew ġrieħi minħabba nuqqas strutturali u instabbiltà.

Ir-rekwiżiti ta' sikurezza:**1. Ir-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali**

L-oġġetti ma għandhomx jipperikolaw is-sikurezza jew is-saħħa tat-tfal meta jintużaw kif suppost jew b'mod prevedibbli, meta titqies l-imġiba normali tat-tfal.

Għandha titqies il-kapaċità tal-utenti u ta' min jieħu ħsieb it-tfal, b'mod partikolari, għal oġġetti li, minħabba l-funzjonijiet, id-dimensjonijiet u l-karatteristiċi proprji tagħhom, ikunu maħsuba biex jintużaw minn tfal li għandhom inqas minn 12-il xahar.

It-tikketti fuq l-oġġetti jew l-imballaġġi tagħhom u l-istruzzjonijiet tal-użu li jkun hemm magħhom għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-utenti jew ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal tal-perikli inerenti u r-riskji ta' ħsara involuti fl-użu tal-oġġetti u l-mod kif jevitawhom.

2. Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza*Ir-rekwiżiti kimiċi*

Is-sodod mdendlin tat-trabi għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-proprjetajiet tan-nar u dawk termali

Is-sodod mdendlin tat-trabi m'għandhomx jippreżentaw riskju ta' fjamabbiltà fl-ambjent tat-tfal. Għandhom ikunu magħmulin minn materjali li jissodisfaw waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ma jinħarqux jekk jiltaqgħu b'mod dirett ma' fjamma jew xintilla;
- jekk jieħdu n-nar, jaqbd u bil-mod u jkollhom rata baxxa tat-tifrix tal-fjamma;
- jekk jieħdu n-nar, għandhom jaqbd u bil-mod u m'għandhomx jipproduċu rmid li jaqbad bil-fjammi jew qtar li jinħallu.

Barra minn hekk, il-materjali kombustibbli m'għandhomx jifgħu dħaħen tossiċi waqt il-kombustjoni.

L-użu tas-sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi għandu jkun minimu. Jekk jintużaw sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi, it-tossiċità tagħhom waqt l-użu u r-rimi tagħhom f'tmiemhom m'għandux jipperikola s-saħħa tal-utenti, dawk li jħarsu t-tfal jew l-ambjent.

*Il-proprjetajiet fiżiċi u mekkaniċi***Il-perikli ta' qbid minn spazji u fetħiet**

Is-sodod mdendlin tat-trabi għandhom jifasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li jevitaw kwalunkwe qbid tar-ras, is-swaba, ir-riġlejn, l-idejn u s-saqajn f'kull tip ta' fetħiet.

Perikli minn partijiet li jiċċaqilqu

Is-sodod mdendlin għandhom jifasslu biex jevitaw impatti tat-tifel fuq is-sodda kontra il-qafas jew għamara oħra fil-kamra minħabba ċaqliq fuq naħa.

Is-sodod mdendlin għandhom jifasslu biex jevitaw r-rotazzjoni fis-sodda pereżempju f'każ ta' brim.

Is-sodod mdendlin m'għandhomx ikunu ta' periklu (eż. qbid) għal tfal oħra (eż. l-aħwa) li jistgħu jkunu f'kuntatt mas-sodda.

Il-perikli ta' waqgħa

L-istand u s-sodda għandhom ikunu biżżejjed stabbli biex ikun evitat żbilanċ aċċidentali għal fuq is-sodda mdendla li jista' jikkawża il-waqgħa tat-tifel. Is-sodod tat-trabi għandhom jibqgħu stabbli meta t-tifel jiċċaqilaq fis-sodda jew meta s-sodda titbandal tul il-wisa' permess mit-tagħmir tad-dendil.

It-tagħmir li jorbot m'għandux jinqala' mill-istrixxa ta' appoġġ jew minn tagħmir simili.

It-tagħmir tad-dendil inkluzi l-komponenti tiegħu għandhom jifilhu ċ-ċaqliq waqt l-użu.

Tħabbil perikoluż

M'għandux ikun hemm ebda ċintorini jew żigarelli fis-sodda mdendla tat-tarbija li jistgħu jitħabbu ma' għonq it-tifel. It-tifel fis-sodda mdendla m'għandux ikollu ċ-ċans li jitħabbu fiċ-ċintorini u l-istrixex mit-tagħmir tad-dendil u t-tagħmir ta' aġġustament.

Fgar u perikli ta' soffokazzjoni interna

Is-sodod imdendlin m'għandhomx ikollhom biċċiet separati jew zġhar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel, jidħlu kompletament f'ħalq it-tifel u jinbelgħu.

Is-sodod imdendlin m'għandhomx ikollhom biċċiet zġhar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel u li jistgħu jibqgħu mwaħħlin fil-farinġi jew fuq wara tal-kavità orali. Il-materjal tal-mili m'għandux ikun aċċessibbli u għandu jiflaħ għall-istress ikkawżat mill-użu prevedibbli mit-tifel (inkluż tiċrit bi gdim).

Perikli esterni ta' soffokazzjoni

Il-prodott m'għandux ikun magħmul minn dekkomanija tal-plastik li tista' tinqala' mit-tifel jew kwalunkwe għata ieħor impermeabbli li jista' jgħatti kemm il-ħalq kif ukoll l-imnieħer.

L-imballaġġ li jżomm fih l-oġġetti ma jridx jikkostitwixxi riskju ta' soffokazzjoni billi jimblokka l-passaġġi tan-nifs tal-imnieħer u l-ħalq. Biex ikun evitat ir-riskju ta' soffokazzjoni, il-prodott m'għandux ikun magħmul minn materjal artab li jista' jieħu l-forma ta' wiċċ it-tifel jew jista' joħloq forma li timblokka l-passaġġi tan-nifs tal-imnieħer u l-ħalq.

It-truf perikolużi

Is-sodod imdendlin m'għandhomx ikollhom truf jew ponot li jaqtgħu. Truf jew kantunieri aċċessibbli għandhom ikunu tondi u ċċanfrati.

Il-prodott m'għandux ikun magħmul minn partijiet li jisporġu li fuqhom tifel jista' jaqa' jew iweġġa'.

Il-prodott m'għandux ikollu ponot perikolużi jew uċuh li jisporġu li jistgħu jippreżentaw periklu ta' titqib.

L-integrità strutturali

Id-deformazzjoni tat-tagħmir tad-dendil u l-hall fit-tagħmir ta' aġġustament għandu jkun limitat biex ikunu evitati waqgħat jew impatti mis-sodda.

Il-ħjata u l-biċċiet dekorativi fuq is-sodda mdendla tat-tarbija m'għandhomx jinħallu meta sottomessi għal stress mekkaniku mill-użu prevedibbli tat-tfal u ma jippreżentawx riskju ieħor ta' qbid tar-riġlejn, ir-ras u s-swaba.

L-ċaqliq fit-toqol tal-ġisem tat-tifel m'għandux joħloq hofer jew jimmodifika hofer eżistenti li jwasslu għall-qbid tas-swaba, l-idejn u s-saqajn.

Biex ikunu evitati l-waqgħa tas-sodda mdendla tat-tarbija u l-ksur tal-komponenti (mill-istands, mit-tagħmir tat-twaħħil, mit-tagħmir tad-dendil) li probabbilment jikkawżaw ġrieħi, is-sodod imdendlin għandhom jifilħu l-istress mekkaniku li għalihom huma sigġetti fl-użu tul il-ħajja tal-prodott.

It-twissijiet speċifiċi għall-oġġett

It-twissijiet u l-istruzzjonijiet tal-użu għandhom jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jieħu ħsieb it-tfal għall-fatt li biex tgħaqqad u taġġusta s-sodda b'mod sikur tinhtiegħ ħila. It-twissijiet għandhom iwasslu wkoll dawn il-messaġġi li ġejjin:

- it-tifel jista' jweġġa' jekk il-wisa' tal-bandla hija eċċessiva (eż. it-tifel jista' jolqot il-qafas tas-sodda, jew is-sodda tista' tolqot l-għamara);
- is-sodod imdendlin jistgħu jipprezentaw riskji lil tfal oħra;
- tfal oħra jistgħu jippreżentaw riskji ulterjuri (eż. billi jippruvaw jitgħawġu għal fuq is-sodda);
- is-sodod imdendlin għandhom jintramaw fuq uċuh ċatti;
- l-użu tas-sodod imdendlin bħala sodod ta' bil-lejl għandu jkun skoraġġit;
- is-sodod imdendlin m'għandhomx jintużaw meta it-tifel hu kapaċi joqgħod għarkubtejh jew iqum bil-wieqfa mingħajr għajna. Il-grupp tal-età tat-tfal li jistgħu jutilizzaw dan il-prodott (mhux aktar minn 12-il xahar) għandu jkun indikat b'mod ċar.

L-iġjene

Is-sodod imdendlin għandhom jifasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li jistgħu jitinaddfu faċilment u sew biex ikun evitat ir-riskju ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni.

IR-REKWIŻITI SPEĊJALI TA' SIKUREZZA GĦAD-DUVETS GĦAT-TFAL

IR-RISKJI: Ir-riskji ewlenin assoċjati mal-prodott huma soffokazzjoni u ipertermija li ta' spiss huma assoċjati mas-sindromu tal-mewt għal għarrieda tat-trabi.

Ir-rekwiżiti ta' sikurezza**1. Ir-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali**

L-oġġetti ma għandhomx jipperikolaw is-sikurezza jew is-saħħa tat-tfal meta jintużaw kif suppost jew b'mod prevedibbli, meta titqies dejjem l-imġiba normali tat-tfal.

It-tikketti fuq l-oġġetti jew l-imballaġġi tagħhom u l-istruzzjonijiet tal-użu li jkun hemm magħhom għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-utenti jew ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal l-perikli inerenti u r-riskji ta' ħsara involuti fl-użu tal-oġġetti u l-mod kif jevitawhom.

2. Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza*Ir-rekwiżiti kimiċi*

Id-duvets għat-tfal għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-proprietajiet tan-nar u dawk termali

Id-duvets tat-tfal m'għandhomx jippreżentaw riskju ta' fjamabbiltà fl-ambjent tat-tfal.

Għandhom ikunu magħmulin minn materjali li jissodisfaw waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

— ma jinħarqux jekk jiltaqgħu b'mod dirett ma' fjamma jew xintilla;

— jekk jieħdu n-nar, jaqbd u bil-mod u jkollhom rata baxxa tat-tifrix tal-fjamma.

Barra minn hekk, il-materjali kombustibbli m'għandhomx jifgħu dħaħen tossiċi waqt il-kombustjoni.

L-użu tas-sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi għandu jkun minimu. Jekk jintużaw sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi, it-tossiċità tagħhom waqt l-użu u r-rimi tagħhom f'tmiejnhom m'għandux jipperikola s-saħħa tal-utenti, ta' dawk li jħarsu t-tfal jew l-ambjent.

Il-periklu ta' ipertermija

It-twissijiet u l-istruzzjonijiet għandhom jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal għat-temperatura fil-kamra fejn jintuża l-prodott, biex tkun evitata l-ipertermija.

*Il-proprietajiet fiżiċi u mekkaniċi***Il-perikli mikrobijoloġiċi**

Id-duvets għat-tfal m'għandhomx jippreżentaw perikli mikrobijoloġiċi minħabba nuqqas ta' iġjene tal-materjal ta' oriġini tal-animali.

Il-perikli ta' qbid minn spazji u fetħiet

Il-ħjata u l-biċċiet dekorativi fuq id-duvets m'għandhomx jinħallu meta sottomessi għal stress mekkaniku mill-użu prevedibbli u għalhekk jippreżentaw riskju ieħor ta' qbid (speċjalment tas-swaba').

Tħabbil perikoluż

Id-duvets għat-tfal m'għandhomx ikunu magħmula minn ċintorini jew ingases li jistgħu jitħabblu ma' għonq it-tifel.

Fgar u perikli ta' soffokazzjoni interna

Id-duvets għat-tfal m'għandhomx ikollhom biċċiet separati jew żgħar li jistgħu jinjalghu mit-tifel, jidħlu kompletament f'ħaq it-tifel jew jinbelgħu. Id-duvets għat-tfal m'għandhomx ikollhom biċċiet żgħar li jistgħu jinjalghu mit-tifel u li jistgħu jibqgħu mwaħħlin fil-farinġi jew fuq wara tal-kavità orali. Il-materjal tal-mili m'għandux ikun aċċessibbli u m'għandux ikollu kwalunkwe kontaminanti iebesin jew li jaqtgħu, bħalma huma partikoli tal-metall, imsiemer, labar jew xfar. Il-mili għandu jiflaħ ukoll għall-istress ikkawżat mill-użu prevedibbli tat-tifel (inkluż tiċrit bi gdim) filwaqt li titqies il-possibbiltà ta' fibri li jgħaddu mill-ħjatat u s-saħħa tal-ħjatat.

Perikli esterni ta' soffokazzjoni

Id-duvets għat-tfal m'għandhomx ikunu magħmula minn dekalmanija tal-plastik li tista' tinqala' mit-tifel jew kwalunkwe għata impermeabbli li jista' jgħatti kemm il-ħaq kif ukoll l-imnieħer.

L-imballaġġ li jżomm fih il-prodott ma jridx jikkostitwixxi riskju ta' soffokazzjoni billi jimblokka l-passaġġi tan-nifs tal-imnieħer u l-ħaq.

It-tarbija għandha tkun kapaċi tieħu n-nifs u jkun hemm biżżejjed arja meta d-duvet jgħatti wiċċha fl-irqad.

It-twissijiet speċifiċi għall-oġġett

It-twissijiet u l-istruzzjonijiet tal-użu għandhom jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal għar-riskji serji ta' soffokazzjoni jekk id-duvets jintużaw fuq tfal taħt l-erba' xhur.

L-età minima rakkomandabbli għall-użu hija disa' xhur.

Għandha tingħata wkoll l-informazzjoni dwar id-daqs tal-kott li fih id-duvet tkun se tintuża.

Għandu jkun hemm ukoll twissijiet dwar it-temperatura tal-kamra (ara l-perikli ta' ipertermija).

L-iġjene

Id-duvets għat-tfal għandhom jifasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li jistgħu jtnaddfu faċilment u sew biex ikun evitat ir-riskju ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni. Il-prodott għandu jissodisfa din il-kondizzjoni wkoll wara l-ħasil skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur u ma jittebbax meta jiġi f'kuntatt mat-tifel.

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TA' SIKUREZZA GĦAS-SLEEP BAGS TAT-TFAL

IR-RISKJI: Ir-riskju ewlieni assoċjat mal-prodott huwa ta' fgħar ikkaġunat minn biċċiet żgħar

Ir-rekwiżiti ta' sikurezza:

1. Ir-rekwiżiti ta' sikurezza ġenerali

L-oġġetti ma għandhomx jipperikolaw is-sikurezza jew is-saħħa tat-tfal meta jintużaw kif suppost jew b'mod preve-dibbli, meta titqies l-imġiba normali tat-tfal.

It-tikketti fuq l-oġġetti jew l-imballaġġi tagħhom u l-istruzzjonijiet dwar l-użu li jkun hemm magħhom għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-utenti jew ta' min jieħu ħsieb it-tfal tal-perikli inerenti u r-riskji ta' ħsara involuti fl-użu tal-oġġetti u l-mod kif għandhom jiġu evitati.

2. Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' sikurezza

Ir-rekwiżiti kimiċi

Is-sleep bags tat-tfal għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-proprietajiet tan-nar u dawk termali

Is-sleep bags tat-tfal għall-kottijiet m'għandhomx jippreżentaw riskju ta' fjamabbiltà fl-ambjent tat-tfal.

Għandhom ikunu magħmulin minn materjali li jissodisfaw waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ma jinħarqux jekk jiltaqgħu b'mod dirett ma' fjamma jew xintilla;
- jekk jieħdu n-nar, jaqbd u bil-mod u jkollhom rata baxxa tat-tifrix tal-fjamma.

Barra minn hekk, il-materjali kombustibbli m'għandhomx jifgħu dħaħen tossiċi waqt il-kombustjoni.

L-użu tas-sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi għandu jkun minimu. Jekk jintużaw sustanzi tar-ritardjanti kimiċi tal-fjammi, it-tossiċità tagħhom waqt l-użu u r-rimi tagħhom f'tmiemhom m'għandux jipperikola s-saħħa tal-utenti, ta' dawk li jħarsu t-tfal jew l-ambjent.

Il-periklu ta' ipertermija

It-twissijiet u l-istruzzjonijiet għandhom jiġbdu l-attenzjoni ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal għat-temperatura fil-kamra fejn jintuża l-prodott, biex tkun evitata l-ipertermija.

Il-proprietajiet fiżiċi u mekkaniċi

Il-perikli ta' qbid minn spazji u fetħiet

Il-ħjata u l-biċċiet dekorativi fuq is-sleep bags m'għandhomx jinħallu meta sottomessi għal stress mekkaniku mill-użu prevedibbli u għalhekk jippreżentaw riskju ieħor ta' qbid (speċjalment tas-swaba'). Barra minn hekk id-daqs tal-fetħiet tal-għonq u l-idejn għandhom jevitaw li t-tifel jiżżerżaq 'l isfel fil-borża.

Integrità strutturali

Mezzi li jissikkaw għandhom ikunu sikuri biex jevitaw li t-tifel jiżżerżaq 'l isfel fil-borża. Il-ħjata u l-mezzi li jissikkaw għandhom jibqgħu stabbli wara l-ħasil skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Tħabbil perikoluż

M'għandux ikun hemm ebda ċintorini jew ingases tas-sleep bags li jistgħu jitħabblu ma' għonq it-tifel.

Fgar u perikli ta' soffokazzjoni interna

Is-sleep bags tat-tat-tfal m'għandhomx ikollhom biċċiet separati jew żgħar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel, jidħlu kompletament f'ħalq it-tifel jew jinbelgħu. Is-sleep bags m'għandhomx ikollhom biċċiet żgħar li jistgħu jinqalgħu mit-tifel u li jistgħu jibqgħu mwaħħlin fil-farinġi jew fuq wara tal-kavità orali. Il-materjal mili m'għandux ikun aċċessibbli u għandu jiflaħ ukoll għall-istress ikkawżat mill-użu prevedibbli tat-tifel (inkluż tiċrit bi gdim) filwaqt li titqies il-possibbiltà ta' fibri li jgħaddu mill-għata u s-saħħa tal-weldjaturi.

Perikli esterni ta' soffokazzjoni

Is-sleep bags tat-tfal m'għandhomx ikunu maġhmula minn dekalmanija tal-plastik li tista' tinqala' mit-tifel jew kwalunkwe għata impermeabbli li tista' tgħatti kemm il-ħalq kif ukoll l-imnieħer.

L-imballaġġ li jżomm fih il-prodott ma jridx jikkostitwixxi riskju ta' soffokazzjoni billi jimblokka l-passaġġi tan-nifs tal-imnieħer u l-ħalq.

It-tarbija għandha tkun kapaci tieħu n-nifs meta is-sleeping bag tgħattilha wiċċha fl-irqad.

It-truf perikolużi

Is-sleep bags tat-tfal m'għandhomx ikollhom truf jew ponot li jaqtgħu.

It-twissijiet speċifiċi għall-oġġett

It-twissijiet u l-istruzzjonijiet għandhom jagħtu istruzzjonijiet lil dawk li jieħdu ħsieb it-tfal biex jagħżlu s-sleeping bag rakkomandata skont l-età u t-tul tat-tifel.

Għandu jkun hemm ukoll twissijiet dwar it-temperatura tal-kamra (ara l-perikli ta' ipertermija).

L-iġjene

Is-sleep bags tat-tfal għandhom jitfasslu u jiġu manifatturati b'tali mod li jistgħu jitnaddfu faċilment u sew biex ikun evitat ir-riskju ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni. Il-prodott għandu jissodisfa din il-kondizzjoni wkoll wara l-ħasil skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur u ma jittebbax meta jiġi f'kuntatt mat-tifel.
